**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

***Minuti tat-tmienja u sittin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 5 ta' Jannar 2010 fis-6:00 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Vici Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Michael Mifsud |
| | Alfred Muscat |
| **Agent Segretarju Ezekuttiv** | Fabian Mizzi |

***Qabel bdiet il-laqgha l-Agent S.E. informa li l-Kunsillier P. Fenech kien infurmah permezz ta' email (mehmuza mal-minuti) li huwa ma setax jattendi l-laqgha minhabba problemi li kellu fil-vettura tieghu. Fic-cirkostanzi l-Kunsill qies din ir-raguni bhala valida peress li l-Kunsillier Fenech joqghod il-Mellieha u ghalhekk gie dikjarat bhala skuzat ghal-laqgha tal-lejla.***

**1 Talba**

**1.1** Il-laqgha bdiet fis-6.05 p.m. billi intqalet it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 67**

**2.1** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kunsill. L-Agent S.E. informa li wara li kienu tqassmu l-minuti kien irrejalizza li kien hemm punt li gie diskuss fl-ahhar laqgha u li thalla barra bi zvista u ghalhekk fuq proposta tas-Sindku dan gie inkluz. Il-minuti gew approvati unanimament kif emendati u iffirmati.

**3 Punti mtella' mill-minuti**

**3.1** ***Para 3.1 – Torri tas-Semaforu:*** L-Agent S.E. informa li l-Perit kien bghat id-dikjarazzjoni tieghu u issa jonqos biss li nehduha l-MEPA sabiex ikun jista jinhareg il-*Compliance Certificate*.

**3.2** ***Para 3.2 – Triq Santa Katerina:*** L-Agent S.E. informa li l-ADT kienu nfurmawna li kienu jridu jaghmlu survey tat-triq sabiex jaraw fejn l-ahjar li jigu t-traffic calming measures li tlabna. Rigward il-kont tax-xoghol ta' tarmac li sar mill-Bitmac, gie approvat li l-Kunsill hitlob li jinhareg kont gdid peress li hemm xi diskrepanzi mill-istima li konna inghatajna.

**3.3** ***Para 3.3 – Kotba – Librerija Lokali :*** L-Agent S.E. informa li l-kotba ordnati kienu waslu kollha u li ghada kienu ser jittiehdu d-Dipt. tal-Libreriji sabiex jigu *barcoded*.

**3.4** ***Para 3.4 – Kuntratt Gbir ta' l-Iskart :*** L-Agent S.E. informa li sa llum kienet ingabret kopja wahda tad-dokument ta' l-offerti.

**3.5** ***Para 3.6 – Devoluzzjoni Xelter:*** L-Agent S.E. intalab sabiex jitlob laqgha mas-Sur Lino Mintoff mis-Segretarjat responsabbli mid-Dipt. ta' l-Artijiet sabiex naraw fiex waslet it-talba taghna.

**3.6** ***Para 3.7 – Hajt fi Triq Indipendenza:*** L-Agent S.E. informa li l-Enforcement Officer tal-MEPA kien infurmana li l-Enforcement Notice keient ser tinhareg il-gimgha d-diehla.

**3.7** ***Para 3.11 – Milied 2009:*** Il-Kunsiller A. Muscat informa li l-attivita' ghall-anzjani fis-Sala tal-Kunsill kienet success u li waqt l-istess attivita' kienet saret gabra b'risq id-Dar tal-Providenza li kienet ta' € 122 u din kienet giet ipprezentata u kopja t' l-ircevuta kienet twahhlet fin-noticeboard tal-Kunsill fil-Pjazza.

**3.8** ***Para 3.15 – WIFI fi Gnien il-Paci*: –** L-Agent S.E. informa li ufficcjali mill-MCA kienu nfurmawh li dan is-servizz seta jigi ippprovdut ghas-somma ta' € 300 li tithallas mill-Kunsill jekk jinstab sponsor li jkun lest li jhallas € 600 ohra. Fic-cirkostanzi gie deciz li l-Kunsill jesplora l-possibilita li dan is-servizz jigi pprovdut minn xi kumpanija ohra.

**3.9** ***Para 3.16 – Sqaq fi Triq il-Gnien –*** Is-Sindku u sS.E. informaw li ghalkemm Bitmac Ltd. kienu weghduna li ser ilestu dan ix-xoghol qabel ix-*shutdown* dan ma sarx.

**3.10** ***Para 5.1 – Servizz tal-Mechanical Sweeper*:** Is-Sindku nforma li l-arrangament kif propost mill-Kunsill kien gie accettat mill-kuntrattur.

**3.11** ***Para 5.2 – Mera fi Triq Santa Katerina* :** L-Agent S.E. informa li kienet inxtrat wahda gdida kif approvat u li din kienet wehlet.

**3.12** ***Para 6.6 – Skema Fondi Progetti Specjali***: L-Agent S.E. informa li l-Bord ta' l-Aggudikazzjoni kien infurmana li peress li l-ammont kien limitat, kineu intghazlu l-ahjar progetti ghall-finanjament.

**3.13** ***Para 5.1 – Kisi ta' Toroq bit-Tarmak*** : Is-Sindku spjega li qabel bdiet il-laqgha l-Perit Hector Zammit kien iltaqgha mal-Kunsill fejn sphega x-xoghol li kien ghamel sa issa u informa li sa l-ahhar tal-gimgha kien ser jibghat il-pjanti u l-istimi.

**3.14** ***Para 7.4 – Patt tas-Sindki :*** L-Agent S.E. informa li s-sejha ghall-offerti ghandha tinhareg fil-futur qarib.

**3.15** ***Para 7.2 – Xoghol fi Triq San Gwann :*** L-Agent S.E. informa li l-kuntrattur kien hallas l-ammont dovut.

**3.16** ***Para 7.5 – Website tal-Kunsill :*** Is-S.E ipprezenta l-offerta ta' Abakus Solutions sabiex il-*website* tal-Kunsill issir *bi-lingual* imma din l-offerta giet meqjusa bhala gholja wisq u fi-cirkostanzi gie deciz li ssir sejha gdida ghalll-offerti.

## 4 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti

**4.1** L-Agent S.E. ipprezenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sa l-1 ta' Jannar 2010 meta giet ippublikata l-Agenda. Dawn kollha gew approvati unanimament minbarra l-kont nru 2 li kien diga thallas kif ukoll il-kont nru. 10 fejn gie deciz li ngibu kjarifika ghas-somma mitluba ghall-istampar ta' l-ahhar harga tal-fuljett tal-Kunsill.

**4.2** Gew ipprezentati u approvati unanimament il-listi ta' l-infieq li sar mill-*Petty Cash* matul ix-xhur ta' Novembru u Dicembru 2009.

**5** ***Management Accounts*** **Novembru 2009**

**5.1** Is-Sindku ipprezenta l-*Management Accounts* sa l-ahhar ta' Novembru 209 u spjega kull *account* fid-dettal fejn qal li dawn huma vicin hafna l-estimi li kienu gew ippreparati qabel il-bidu tas-sena finanzjarja. Wara li staqsa jekk kienx hemm xi kummenti mill-Kunsillieri, dawn il-*Management Accounts* gew approvati unanimament.

**6** **Ilmenti u Suggerimenti**

**6.1** Talba sabiex fanal li hemm fil-pjazza tad-Dejma jiccaqlaq minn fejn qieghed minhabba xoghlijiet ta' kostruzzjoni. Gie deciz li jekk wara li din it-talba tigi nvestigata jirrizulta li huwa gustifikat li dan il-fanal jiccaqlaq minhabba xoghlijiet ta' kostruzzjoni, dan ix-xoghol ghandi jsir ghas-spejjez tas-sid.

**6.2** Talba sabiex issir CCTV camera fi Sqaq Warda minhabba l-hmieg tal-klieb. Il-Kunsill la laqghax din it-talba peress li l-ispejjez involuti ma jistghux jigu gustifikati.

**6.3** Talba sabiex isir zbir ta' sigar fi Vjal ir-Repubblika. Din it-talba giet milqugha u gie deciz li x-xoghol isir mill-ELC.

**6.4** Talba sabiex titranga parti mill-bankina fi Triq 31 ta' Marzu. Peress li l-Kunsill ma setghax jidentifika ezatt ghal fejn kienet qed tirreferi din it-talba, gie deciz li nkellmu lil min originarjament ghamel it-talba u din tigi diskussa f'laqgha ohra.

**6.5** Ilment li parti minn Triq Fra Duminku Mifsud qed tinzel minhabba xoghlijiet ta' kostruzzjoni. Gie deciz li dan l-ilment jigi riferut lill-MEPA.

**6.6** Talab sabiex tigi nstallata *zebra crossing* fi Triq Caravaggio vicin triq Dimitriju Farrugia. Gie deciz li din it-talba tigi riferuta lill-ADT.

**6.7** Ilment minn xi residenti li qed jibzaghu li l-*Master Antenna* li hemm fi Triq Fidiel Zarb tista tkun ta' hsara ghas-sahha. Gie unanimament deciz li dan l-ilment higi riferut lill-Awtorita' tax-Xabdir li hija l-propjetarja ta' din l-antenna kif ukoll lid-Dipt tas-Sahha u lill-*Malta Communications Authority*.

**6.8** Ilment dawr vetturi li allegatament qed jaghlqu l-access ghal sqaq fi Triq San Nikola. Gie deciz li ghadhom isiru *Double Yellow Lines* mill-haddiema tal-Kunsill fil-bidu ta' dan l-isqaq sabiex dan l-abbuz jinqata.

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**7 Korrispondenza**

**7.1** Korrispondenza varja li rcivejna mill-ahhar laqgha sa llum minghand il-MEPA dwar zviluppi fil-lokalita'.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**7.2** Memo 86/2009 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Hlas ta' *Performance Bonus*.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**7.3** Memo 89/2009 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar *Allowance* lill-Kunsilliera.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**7.4** Korrispondenza minghand id-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Posta Elettronika ghal Kull Kunsillier.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**7.5** Memo 1/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Tqassim ta' Dokumenti lill-Kunsilliera.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**7.6** Memo 2/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Fond ta' Ko-Finanzjament ghal Progetti tal-Kunsilli Lokali taht Programmi ta' l-Unjoni Ewropea.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**7.7** Memo 3/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Tibdil fl-Onorarja tas-Sindki.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**7.8** Memo 4/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Risk Assessment tal-Playing Fields Madwar Malat u Ghawdex.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**7.9** Korrispondenza minghand l-ADT fejn gejna nfurmati li ma kienx possibbli ghall-ADT li jaghmlu survey ta' Triq l-Indipendenza kif konna tlabna peress li din it-triq ma taqax taht il-kompitenza taghhom.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**7.10** Korrispondenza minghand il-MEPA bhala risposta ghall-ittra taghna dwar xoghlijiet li qed isiru madwar Matmura li hiaj skedata mill-MEPA.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**7.11** Korrispondenza minghand il-President tak-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Socjali dwar l-importanza tar-rwol tar-ragel fil-familja.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**7.12** Korrispondenza minghand id-Dipt. tas-Sahha dwar il-vaccin ta' l-H1N1.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**7.13** Korrispondenza minghand is-Segretarju Parlamentari ghall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni dwar konferenza bit-tema European Cities Against Drugs li ser isir Ghawdex f'April li gej.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**7.14** Korrispondenza minghand id-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar l-ghazla ta' ufficini amministrattivi ghar-Regjun Tramuntana.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**7.15** Korrispondenza minghand id-Dipt tal-Gvern Lokali dwar l-Allokazzjoni Finanzjarja ghas-sena kurrenti li ser tkun ta' € 213,252.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**7.16** Korrispondenza minghahd l-ADT dwar Reserved Parking Bays ghal Persuni bi Bzonnijiet Specjali fil-lokalita' taghna.

Il-Kunsill innota li mill-lista pprovduta, wahda qatt ma saret filwaqt li l-ohra kienet tnehhiet mill-ADT stess xi xhur ilu.

**7.17** Korrispondenza minghand il-Perit Catherine Galea f'isem il-klijent taghha Leslie Sammut dwar oggezzjoni li ghamel il-Kunsill ghall-applikazzjoni PA6820/07 peress li l-izvilupp propost huwa barra miz-zona tal-bini.

Din il-korrispondenza giet innotata u wara diskussjoni gie unanimament deciz li l-Kunsill jibqa jzomm mad-decizjoni originali.

## 8 Materji Ohra u Mistoqsijiet

**8.1** Il-Kunsillier M. Mifsud ipprezenta *Draft Programme* taz-zjara gewwa Lipari bejn l-4 u s-7 ta' Marzu 2010. Huwa qal li kien gab prezz minghand *tour operator* li jispecjalizza fuq Sqallija u li kien avvicina wkoll lill-Kumitat tal-Kazin tal-Banda li urew interess li jippartecipaw. Gie deciz li aktar dettalji jinghataw fil-laqgha li jmis meta possibilment il-prezzijiet ikunu ikkonfermati u jkun jista jibda jsir ir-reklamar sabiex naraw l-interess tar-residenti.

**8.2** Wara li gew ipprezentati xi kwotazzjonijiet, gie deciz li l-Kunsill jordna 3 tabelli minghand Artisans li jindikaw il-hinijiet tal-Gnien (tabella mkissra) kif ukoll il-hinjiet tal-ftuh il-godda tal-Kunsill u tal-Librerija Pubblika.

**8.3** Gie deciz li tinhareg sejha pubblika ghall-kwotazzjonijiet ghall-istampar tal-fuljett tal-Kunsill.

**8.4** Is-Sindku ta' dettalji tad-diversi skemi ta' Fondi Specjali hekk kif elenkati f'Memo 90/2009 mahruga mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali. Saret diskussjoni fuq id-doversi inizjattivi u kif il-Kunsill jista japplika sabiex ikompli jsahhah u jsostni l-lokal.

**8.5** Gie deciz li l-Kunsill jinstalla s-set tat-TV li ghandu fil-bini l-antik tal-Kunsill sabiex ikun jista jintuza mill-iScouts filwaqt li ghall-uzu tas-CCTV il-Kunsill jixtri *monitor*.

**8.6** Giet ipprezentata l-lista ta' xoghol imwettqa mill-haddiema tal-Kunsill matul

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


Dicembru 2009.

**9** **Aggornament**

**9.1** Il-laqgha giet aggornata fl-9:40 p.m. wara li l-*items* fuq l-Agenda gew ezawriti u gie deciz li laqgha ohra ssir nhar it-Tlieta 19 ta' Jannar 2009 fis-6:00 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Fabian Mizzi** | **19 ta' Jannar 2010** |
| **Sindku** | **Agent Segretarju Ezekuttiv** | **Data** |